**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Anthony Tabone**

Illum 8 ta' Frar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Anthony Tabone iben Salvu u Maria xebba Grima li joqghod fil-fond Nru 87, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 55447 G) akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel is-16 ta' Mejju 1995 bhala proprjetarju tal-fond Flat 6, 'Sunset Court', Triq Atena, Xlendi, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta` jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, ta' mhux aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur. Barra minnhekk akkuzat ukoll talli ghamel hsara fuq l-istess meter tad-dawl ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema hsara tammonta ghal tmien liri Maltin (Lm8).

Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat limitatament ghas-serq kwalifikat bil-mezz kif registrata fis-seduta tat-8 ta' Frar 2002;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' serq kwalifikat bil-mezz;

Ma ssibux hati ta' serq kwalifikat bil-valur u tilliberah minn din l-akkuza;

Wara li rat l-Artikoli 263, 278 u 279 tal-Kap 9;
Wara li rat il-Fedina Penali ta' l-imputat;

Wara li rat l-ircevuta esebita waqt is-seduta tal-lum stess li turi li l-imputat hallas l-ammont pretiz mill-korporazzjoni EneMalta;

Tilliberah taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum;

Il-Qorti fehmet l-import tas-sentenza lill-imputat.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur